SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SEBA’ KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 07-15**

Illum It-Tlieta, 20 ta’ Ottubru 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-3.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 06-15 li saret nhar it-Tnejn, 14 ta’ Settembru 2015 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Upgrading tal-Jogging Track*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward ta' l-*upgrading* tal-wiċċ tal-*Jogging Track*.

Is-Sindku wieġeb li huwa nfurmat li l-proposta tal-*upgrading* tal-*Jogging Track* qed tingħata l-importanza neċessarja minn naħa tal-Kunsill Malti għall-Isports.

### *1.1.2 Triq Klematis*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 4.6 u staqsa jekk sarx xi ħaġa fir-rigward tal-problema strutturali fi Triq Klematis. Is-Sindku wieġeb li kienet ser tintbagħt nota lil *Transport Malta*.

### *1.1.3 Marki tat-Toroq*

Il-Kunsillier Sciberras irrefera għall-minuti 1.1.3 u 4.7 u staqsa dwar ir-*road markings* li kellhom jitkomplew fi Triq il-Ġnien. Huwa rrefera wkoll għal marki tat-toroq li saru fi Triq Maria De Domeniċis u qal li dawn ġew kbar wisq. Huwa staqsa wkoll jekk saretx il-*parking bay* għad-*disabled* f'din l-istess triq. Is-Sindku wieġeb li l-marki tal-*keep clear* ser isiru nhar il-Ħamis li ġej u li l-*parking bays* fi Triq Maria De Domeniċis ser jiġu rranġati. Fir-rigward tal-*parking bay* għal persuni bi bżonnijiet speċjali s-Sindku wieġeb li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn *Transport Malta* li din hija lesta.

### *1.1.4 Ġabra b'risq Puttinu Cares*

Il-Kunsillier Bonello reġa staqsa kemm kienu nġabru flus għal Puttinu Cares waqt l-attivita' taċ-*Chinese Food Festival*. Is-Sindku qal li għadhom ma nfetħux il-bottijiet li fihom saret il-ġabra.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015 u t-Tnejn 19 ta' Ottubru 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenżjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0920-15-I – Trasport Malta – Proposta ta' *Traffic Light Junction* fi Triq Luqa

- 0954-15-O – Foreign Affairs Office Suzhou – Stedina lil delegazzjoni uffiċjali minn Gusu

- 1024-15-O – Foreign Affairs Office Suzhou – Stedina artisti minn Gusu

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0955-15-I – Malta Olympic Committee – MOC Sports Awards 2015
- 0970-15-I – Suzhou Gusu People's Government – *letter of apology*
- 0979-15-I – MSDC – *Replanting of Ficus Trees*
- 1005-15-I – Green Malta Project – *Collection of Recycable Material*
- 1011-15-I – Angelic Voices – Kuncert mill-Kor Angelic Voices
- 1021-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Kunsilli Skolastiċi
- 1013-15-I – Reġjun Nofsinhar – *Green Wardens*
- 1015-15-I – GAL Xlokk Foundation – Laqgħa mal-Kunsill

## 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- **SLLC Memo 27-2015-** *Reserved Parking Bay*

- **SLLC Memo 28-2015 -** Ġurnata Sqallija

- **SLLC Memo 29-2015 -** *Proposed Traffic Light Junction at* Triq Hal Luqa

- **SLLC Memo 30-2015 -** Programm Uffiċjali għall-attivitajiet ta' nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru 2015 - Spejjeż relatati ma' dan l-avveniment

- **SLLC Memo 31-2015 -** Xiri ta' driller

- **SLLC Memo 32-2015 –** Kappillan il-Ġdid

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0995-15-I il-Kunsill innota li matul s-sena ma sarux attivitajiet b’temi sportivi li l-Kunsill jista’ jipparteċipa bihom fil-*Malta Olympic Committee Awards*.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0970-15-I il-Kunsill innota ittra minn Suzhou Gusu People’s Government li talbu skuża għal kull inkonvenjent li seta’ kien hemm peress li ma setgħux jaslu Malta fil-ħin stipulat minħabba problemi ta’ *Visa*.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0979-15-I il-Kunsill qabel li jilqa’ l-offerta biex jindika sit fil-lokalita’ ta’ Santa Luċija li fih jistgħu jinżraw siġar tal-Ficus li ser jinqalgħu minn Pjazza Antoine De Paule Paola. Il-Kunsill qabel li jitlob għaxra minn dawn is-siġar biex jiġu trasplantati f’*area* partikulari f’Wied Garnaw.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1005-15-I il-Kunsill innota l-inizjattiva ta’ Green Malta Project dwar inċentiv biex jinġabar materjal riċiklabbli bħal *plastic*, aluminum u ħġieġ. Għandha tintalab laqgħa biex il-Kunsill jikseb aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1011-15-I il-Kunsil iddiskuta proposta mill-Kor *Angelic Voices* biex flimkien mal-Kunsill itellgħu kunċert tal-Milied fix-xahar ta’ Diċembru 2015. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u ser ikun qed jaħdem fuq il-kordinament meħtieġ biex jittella’ dan il-kunċert.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1021-15-I il-Kunsill iddiskuta direttiva mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jimxi ma’ l-artiklu 33(1) (1) dwar l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363) li jgħid li l-Kunsill għandu jipproponi lill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, persuni biex jinħatru bħala presidenti ta’ kunsilli ta’ skejjel primarji. Saret diskussjoni twila li minnha ħareġ li peress li fil-lokalita’ ta’ Santa Luċija ma kienx hawn skola primarja u peress li t-tfal minn Santa Luċija kienu jattendu l-iskola primarja ta’ Ħal Tarxien, kien intlaħaq ftehim mal-Kunsill ta’ Ħal Tarxien dwar kif issir l-għażla ta’ president għall-Kunsill Skolastiku. Il-Viċi Sindku, li dak iż-żmien kien Sindku, spjega kif filfatt permez ta’ dan il-ftehim li kien sar fil-bidu tal-Kunsilli Lokali, l-Presidenti tal-Kunsill Skolastiku kien jintgħażel darba mill-Kunsill ta’ Santa Luċija u darba mill-Kunsill ta’ Ħal Tarxien. Huwa qal ukoll li dan il-proċess kien twaqqaf mill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni ta’ dak iż-żmien li beda jaħtar hu lil president tal-kunsill skolastiku. Il-Kunsill innota li issa jidher li l-Kunsill ta’ Ħal Tarxien qed jipproponi hu l-president tal-kunsill skolastiku mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill ta’ Santa Luċija. Il-Kunsill qabel lis-Sindku għandu jikteb lis-Sindku ta’ Ħal Tarxien dwar din is-sitwazzjoni u l-ittra għandha tiġi kkupjata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar dan is-suġġett u ssemma l-kap ta’ l-Iskola Sekondarja tal-Bniet li hawn f’Santa Luċija u ġie nutat li l-Kunsill qatt ma’ ġie avviċinat mill-Kap tal-Iskola biex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-

iskola. Issemmew xi esperjenzi li għaddew minnhom membri ta' dan il-Kunsill dwar dan in-nuqqas. Finalment is-Sindku ppropona li għandha tintbagħt e-mail lil Kap ta' din l-iskola fi sforz biex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1013-15-I l-Kunsill ġie nfurmat li minn informazzjoni li ntalbet mir-Reġjun Nofsinhar jirriżulta li l-Kunsill għandu 70 siegħa ta' servizz ta' *green wardens* illi huwa rifondut mir-Reġjun. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-*areas* li fihom isiru l-aktar abbużi speċjalment dwar ħruġ u rimi ta' skart u ssemmew fost l-oħrajn Triq Kamelja, Triq il-Margeriti u Triq Maria De Domenicis. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li dawn il-Green Wardens għandhom ikunu bl-uniformi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tlesti skeda tal-post u l-ħin fejn għandu jingħata dan is-servizz.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1015-15-I il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mibgħuta mill-Gal Xlokk Foundation li qed jipproponu li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jiddiskutu fid-dettal l-Istrateġija għall-Iżvillup Lokali għal programm *Leader* (2014-2020) u l-possibilta' li l-Kunsill ta' Santa Luċija isir membru f'din il-fondazzjoni. Il-Viċi Sindku qal li issa jidher li l-membri qed jibbenifikaw mill-fondi u l-Kunsill qabel li jikkunsidra serjament li jidħol membru fil-Fondazzjoni Gal Xlokk. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti ta' din il-Fondazzjoni f'dan ir-rigward.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Żjara f'Lubriano*

Saret referenza għaż-żjara f'Lubriano fl-Italja li s-Sindku u l-Viċi Sindku għamlu bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2015. Is-Sindku ppreżenta quddiem il-Kunsill dokument li ġie ffirmat waqt din iż-żjara fejn iż-żewġ naħat jikkommettu ruħhom li jaħdmu biex jiġi fis-seħħ ġemellaġġ bejn il-lokalita' ta' Santa Luċija u dik ta' Lubriano. Huwa qal li l-pass li jmiss hu li ż-żewġ naħat iġibu l-permessi mill-awtoritajiet ikkonċernati biex dan il-ftehim ikun jista' jiġi fis-seħħ.

Il-Viċi Sindku qal li Lubriano hija belt żgħira viċin Ruma b'popolazzjoni ta' madwar 900 abitant. Huwa qal li għalkemm żgħira din il-belt għandha ħafna storja u postijiet interessanti. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li Lubriano hija magħrufa għall-imbid u siġar taż-żebbuġ. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-iskop wara dan il-ġemellaġġ hu li ż-żewġ naħat ikunu jistgħu japplikaw għal fondi taħt il-programm Europe for Citizens biex ikunu jistgħu jsiru proġetti bħal skambju ta' żgħażagħ u tgħalim ta' l-Ingliż, piroteknika u tagħrif professjonali dwar it-tkabbir u l-kura tas-siġar taż-żebbuġ.

Il-Viċi Sindku qal li xtaq pubblikament jirringrazzja lil Dr Malcolm Borg li akkumpanja lilu u lis-Sindku fuq din iż-żjara u li ser ikun il-kordinatur tal-proġetti kollha li jsiru bejn iż-żewġ naħat.

### *4.2 Reimbors ta' spejjeż addizjonali*

Is-Sindku semma l-okkazzjoni ta' nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru 2015 li matulha kien ha l-pussess il-kappillan il-ġdid ta' Santa Luċija. Huwa qal li hu ħass li kien importanti għalih bħala Sindku li jkun preżenti għal din l-okkażżjoni għaldaqstant kellu jixtri *return ticket* ieħor biex jasal lura minn Lubriano fil-ħin. Huwa qal li l-ispiża nvoluta ta' dan ir-*return* tiegħek kienet tammonta għall-164euro u qal li hu kien ser iħalli f'idejn il-Kunsill biex jiddeċiedi jekk għandux ikun hemm reimbors ta' din l-ispiża. Il-Kunsill qabel li la darba l-kariga ta' Sindku kienet tirrikjedi li hu jkun preżenti għall-attivita' hawn fuq imsemmija, l-ispiża addizjonali għandha titħallas mill-Kunsill.

### 4.3 *Estenzjoni tal-Polza ta' l-Assigurazzjoni tal-Kunsill*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil l-Kunsill li l-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill għalqet tlitt snin fit-30 ta' Settembru 2015. Għaldaqstant ser toħroġ sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet. Hija qalet li ser iġġedded il-polza preżenti għal xahrejn sakemm isir l-proċess biex toħroġ sejħa pubblika.

### 4.4 *Yoga Classes fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsill qabel li għandu jintalab ħlas ta' 50euro għal kiri ta' parti minn Ġnien is-Serenita' bħala *venue* għal lezzjonijiet tal-*Yoga*. Il-Kunsill qabel ukoll fuq dawn il-kundizzjonijiet marbuta mal-ħruġ ta' dan il-permess:

- Il-ħlas ikun ta' 50 ewro kull lezzjoni ta' għaxra minn nies jew anqas
- Il-lezzjoni ssir waqt il-ħin li fih il-ġnien ikun miftugħ għall-pubbliku
- Il-ġurnata u l-ħin għandhom jiġu stabbiliti minn qabel u bi qbil mal-Kunsill
- L-organizzatur għandu jinforma l-Kunsill kemm il-darba n-numru tal-parteċipanti jaqbeż l-għaxra minn nies

### 4.5 *Servizz ta' Ġbir ta' Ħwejjeg mill-GreenPak*

Saret referenza għall-inizjattiva ta' GreenPak biex jingħata servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ użati li jiġu esportati u l-flus li jinġabru minn din l-inizjattiva jingħataw f'donazzjoni lil *Nature Trust*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li qed jiġi propost li l-ġabra ssir nhar ta' Erbgħa filgħodu bejn it-8.00a.m u 12.00pm (nofsinhar) mill-Annex tal-Kunsill. Hija qalet li din l-inizjattiva tiġi ripetuta jekk jinħass il-bżonn.

### 4.6 *Urban Improvement Fund*

Is-Sindku ppropona li l-flus li l-Kunsill għandu disponibbli taħt l-Urban Improvement Fund għandhom jintużaw biex jinxtraw *Picnic Tables* għal *Picnic Area*. Għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn il-*Picnic Tables* u ssir applikazzjoni lil Mepa, bħala l-awtorita' li tamministra dawn il-fondi.

### 4.7 *(FPA)57/04/1) Services of Football Pitch Attendant*

Il-Kunsill qabel li is-servizz marbut mal-kuntratt hawn fuq imsemmi li jingħata minn persuna bi bżonnijiet speċjali, jiġi mġedded għal sena oħra.

### 4.8 *GreenPak Campaign – Irriċikla u Irbaħ ma' GreenPak*

Il-Kunsill bi pjaċir innota li tlett residenti ibbenifikaw mill-kampanja li tagħmel GreenPak minn żmien għal żmien. Għandha tintbagħt ittra ta' apprezzament lil dawn ir-residenti.

***4.9 Newsletter tal-Kunsill - Ħarġa numru 23***

Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ *Newsletter* għax-xahar ta' Diċembru 2015. Il-membri tal-Kunsill ġew mitluba iħejju artiklu kemm jista' jkun malajr ħalli l-*Newsletter* tkun tista' toħroġ fil-ħin stipulat. Bħal ma' sar fis-snin preċedenti din il-ħarġa għandha tinkludi l-avviżi kollha relatati ma' attivitajiet għal żmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

***4.10 Tabelli tat-Toroq***

Il-Kunsill qabel li għandu jsir eżerċizzju biex jiġu *upgraded* it-tabelli tat-toroq li jindikaw it-toroq prinċipali u s-*side streets* li jmissu magħhom. Ġie deċiż ukoll li dawn tabelli jindikaw ukoll x'wieħed isib f'dawn it-toroq partikulari bħal Berġa u l-Librerija Pubblika.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet talba li saret lil Kunsill biex jitwaħħlu sinjali ta' direzzjoni fir-rigward taċ-Ċentru Leap li ser jiftaħ fi Triq Inez Soler. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għal din it-talba.

***4.11 Talba għall-upgrading tal-Bankina f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsill iddiskuta talba li saret min resident dwar il-bżonn li jsir l-*upgrading* tal-bankina f'Dawret it-Torri quddiem il-Knisja. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill biex jikkunsidra li din il-bankina partikulari tidjieq u jiġu ntrodotti *parking bays* f'dik in-naħa tat-triq.

***4.12 Laqgħa Plenarja għall-Kunsilliera***

Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar il-laqgħa plenarja li kien attenda għaliha u ta rendikont tas-suġġetti li ġew diskussi waqt din il-laqgħa u dwar xi nterventi li għamel hu dwar suġġetti varji li ġew diskussi waqt din il-laqgħa.

**4.13 Inizjattivi Ndirizzati lejn il-Kommunita'**

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li bħalissa qed isir il-kordinament biex tingħata l-*injection* kontra l-influenza mill-uffiċċini tal-Kunsill. Huwa semma wkoll id-Day Care Centre Għall-Anzjani u qal li dan qed ikun ta' benefiċċju għal anzjani li qed jattendu dan iċ-ċentru. Huwa semma t-taħdidiet interessanti li qed isiru u semma b'mod partikulari taħdidtha li saret minn uffiċċjal tal-pulizija dwar is-sigurta' fid-djar.

Il-Kunsillier Bonello kompla jgħid li f'dan iċ-ċentru qed tiġi organizzata ħarġa darba fix-xahar u n-numru ta' anzjani li jipparteċipaw huwa wieħed inkoraġġanti.

Il-Kunsillier Bonello semma wkoll iż-żjara ta' ġurnata fi Sqallija li ser issir nhar is-Sibt, 24 ta' Ottubru 2015 u qal li s'issa diġa hemm sebgħa u tlettin persuna li ser jipparteċipaw.

Huwa rringrazzja lil Kunsill tax-xogħol relatat mat-tindif tal-*gutters* quddiem id-djar fi Triq il-Għeneb id-Dib u l-bdil tal-kattusa tal-ilma li hemm fil-*Car Park* fi Triq il-Margeriti.

### *4.14 Oħrajn*

- Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar siġra fi Triq Prinjoli wara Flats Indipendenza u qal li din qiegħda ta' periklu għax qed tmiss ma' *wires* ta' l-eletriku

- Saret referenza għal siġra fi Triq iż-Żnuber li għandha bżonn tinqala' u ġie deċiż li ssir applikazzjoni lil Mepa għal permess. Għandu jiġi verifikat jekk din it-talba kienetx diġa saret u ġiet rifjutata qabel issir applikazzjoni oħra.

- Il-Kunsillier Sciberras qal ukoll li hemm bżonn li jiġu nsallati *doggie bins* fi Triq Maria de Domenicis kantuniera ma' Triq Bruka.

- Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb kwotazzjoni biex tinxtara *distribution box* ġdida u tiġi nstallata fl-*area* tal-*Playing Field* peress dik li hemm mhix addatata għal barra u qed jinqatgħa d-dawl ta' spiss.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5756 sa numru BOV 5802 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-18 ta' Settembru 2015 u l-5 ta' Ottubru 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 06-15(14-09-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Settembru 2015 Ammont *Gross* €4313.36.

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sngs-Mkgs | Inv.21345 | 341.09 |
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Inv.06 | 366.93 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | 43 Serv. Sett. 15 | 1024.25 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Inv.14145 | 2061.50 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Inv.018 | 1843.68 |
| Rite Mix (Gatt \|Bros.) Ltd | RR(PPP)57-11-02) | Inv.8172<br>G.Lopez – 3rd inst. | 9689.47 |
| Nexos Str.Lighting | SL(57-09-04) | 2008775 | 1025.99 |

### 5.4 *Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €133.12 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Settembru 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. TENDER REF: RM/PF (57-15-02) ROAD MAINTENANCE WORKS IN SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta l-*Adjudiction Report* li ġie ppreparat mill-perit tal-Kunsill fir-rigward ta' l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Ġie nutat li l-offerti li ntefgħu ġew ikklasifikati kif ġej bl-orħos offerta tkun dik ta' Ricky Caruana

| | |
|---|---|
| 1. | Ricky Caruana |
| 2. | Dimbors Ltd |
| 3. | Tabone Joint Venture |
| 4. | Mario Mallia |

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jingħata lil Ricky Caruana. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir laqgħa mas-Sur Ricky Caruana dwar x'qed jistenna l-Kunsill bħala effiċjenza fuq dan il-Kuntratt.

## 7. FTEHIM BEJN ID-DIPARTIMENT TAL-KURA PRIMARJA TAS-SAĦĦA U L-KUNSILL TA' SANTA LUĊIJA

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-Devoluzzjoni tal-Berġa lil Kunsill Lokali. Huwa qal li għandha tintbagħt ittra bil-miktub li tinforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Kura Primarja ser jagħmel tajjeb għall-ispiża nvoluta biex il-Berġa ta' Santa Luċija tkun f'kundizzjoni tajba biex minnha jerġa jibda jingħata servizz. Huwa qal li l-Kunsill ser jingħata sa massimu ta' €8000.00. Il-Kunsill qabel li kif tingħata din il-konferma jkun jista' jipproċedi bix-xogħolijiet biex finalment din il-berġa titlesta u terġa tibda tkun ta' servizz għar-residenti.

## 8. TIŻJIN TAL-MILIED

Il-Kunsill qabel li jsir it-tiżjien ta' toroq bid-dwal tal-Milied fl-*areas* hawn taħt imsemmija:

- Pjazza 7 ta' Lulju
- Fuq iz-Zuntier tal-knisja (siġra)
- Triq il-Ġilju fil-pjazza
- Triq il-Fuxa fil-pjazza
- Triq il-Lellux (siġra)
- Triq il-Lellux
- Misraħ Dorell
- Triq il-Gardenja

- Dawret it-Torri
- Is-central strip ta' Dawret it-Torri

Is-Sindku ipprpona li jiżdied ftit tiżjin billi jintraw *stensils* b'tema tal-Milied biex jitwaħħlu mal-arbli fi Triq Gardenja

**9. ATTIVITAJIET TAL-MILIED U S-SENA L-ĠDIDA**

Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn l-attivitajiet fil-ġranet hawn taħt imsemmija:

- **Il-Ħadd, 6 ta' Diċembru 2015 – Kunċert Angelic Voices – dħul b'xejn**
- **Il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2015 – Party għal Kulhadd – Sala tal-Knisja - Prezz €5.00**
- **Is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2015 – Party għat-Tfal – Tea Room Ġnien Ċiniż – Prezz €5.00**
- **Il-Ħadd, 20 ta' Diċembru 2015 – Party għaż-Żgħażagħ – Sala tal-Knisja – Prezz €5.00**
- **It-Tlieta 22 ta' Diċembru 2015 – Snow Village – Imtella mill-Kunsill bil-kolloborazzjoni tal-Knisja**
- **L-Erbgħa, 30 ta' Diċembru 2015 – Pantomina tal-Milied (Ħarġa) - Rapunzell**

**10 TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 10 ta’ Novembru 2015 fil-5.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ……………….,..... ta' ..................… 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**